**230. Il-Ministru għall-Iżvilupp tal-Infrastruttura l-Onor. Michael Falzon jipproponi**:

Peress illi fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (1) tal-artikolu 4 tal-Att tal-1988 dwar Permessi tal-Bini (Provvedimenti Temporanji) (Att X tal-1988) hemm provdut illi mhux aktar tard minn sentejn wara l-bidu fis-seħħ tal-artikolu 4 tal-imsemmi Att jew f'dak il-perjodu imġedded li l-Kamra tista' b'riżoluzzjoni tippermetti il-Ministru responsabbli għal xogħlijiet għandu jħejji pjan ta' struttura għall-iżvilupp tal-art f'Malta b'implimentazzjoni tal-għanijiet elenkati fl-artikolu 3 tal-istess Att;

U peress illi l-imsemmi perjodu ta' sentejn jiskadi fis-6 ta' Ġunju 1990;

U peress illi l-Kamra taqbel li l-imsemmi perjodu għandu jiġi mġedded sal-31 ta' Diċembru 1990;

Hu b'dan riżolut illi l-perjodu msemmi fil- paragrafu (a) tas-subartikolu (1) tal-artikolu 4 tal-Att tal-1988 dwar Permessi tal-Bini (Provvedimenti Temporanji), li fih il-Ministru responsabbli għal xogħlijiet għandu jħejji l-pjan ta' struttura kif provdut fl-istess Att, hu mġedded sal-31 ta' Diċembru 1990.

16.05.1990